MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 291/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 291/2007 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Dennis Azzopardi**
**(ID 698045M)**

**vs**

**Paul Bugeja**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ipprezentat fit-13 ta' Settembru 2007 mir-rikorrent fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli bhala awtur ta' pubblikazzjoni li harget f' Settembru 2007, taht ir-ras "Service Agencies", li twahhal fuq in-notice boards li hemm fil-bini tal-Malta Shipyards Limited, kif kienet l-intenzjoni tieghu, ta' malafama u libell fil-konfront tar-rikorrent minhabba li l-artikolu, ossija pubblikazzjoni, kif ippubblikat kif imsemmi hawn fuq, kien malafamanti u libelluz u intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-istess rikorrent, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, u ghalhekk tinkundanna lill-istess intimat ihallas dik is-somma hekk likwidata a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-16 ta' Novembru 2007, l-imharrek laqa' ghall-akkuzi maghmulha fil-konfront tieghu billi eccepixxa illi :-

1. Preliminarjament, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-dokument de quo ma jikkwalifikax bhala 'stampat' jew 'xandira' a tenur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk isegwi li l-artikolu 28 tal-istess Kap 248 mhux applikabbli ghall-istess dokument;

2. Subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-dokument 'de quo' jaghti l-fatti kif irrizultaw lill-esponenti u jikkontjeni kummenti li jitqiesu bhala 'fair comment' dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Rat l-avviz inkriminanti meritu tal-kawza odjerna, indikat bhala 'Avviz Nru 06/07', u intitolat "Service Agencies".

Rat illi fis-7 ta' April 2008, din il-Qorti, diversament ippresjeduta, cahdet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat u ordnat illi l-provi jibqu jingabru dwar it-tieni eccezzjoni.

Rat ix-xhieda ta' **Dennis Azzopardi** moghtija viva voce fl-14 ta' April 2008 u fid-19 ta' Mejju 2008 u in kontro ezami fit-12 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda ta' **Daniele Patuelli** moghtija viva voce fid-19 ta' Mejju 2008,

Rat ix-xhieda ta' **John Cassar White** moghtija viva voce fit-13 ta' Jannar 2009.

Rat ix-xhieda ta' **Chris Bell** moghtija viva voce fit-13 ta' Jannar 2009.

Rat illi fit-13 ta' Jannar 2009 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jipprezenta.

Rat ix-xhieda ta' **Paul Bugeja** moghtija viva voce fid-9 ta' Marzu 2009 u in kontro ezami fit-2 ta' Frar 2011.

Rat ix-xhieda ta' **Frans Micallef** moghtija viva voce fil-11 ta' Mejju 2010 u in kontro ezami fis-26 ta' Ottubru 2010.

Rat illi fl-20 ta' Gunju 2011 il-kawza giet differita ghas-sentenza wara illi l-partijiet ttrattaw il-kaz.

**Fatti**

Jirrizulta mix-xhieda prodott mir-rikorrent, illi Azzopardi kien ilu jahdem fid-dockyard ghal 46 sena u dana fil-qasam ta’ l-Inginerija. Hekk kif wasal biex jiehu l-pensjoni minn mal-Malta Ship Yards, huwa gie mahtur ghal sena bhala konsulent ta’ l-istess Malta Ship Yards, u dana f'Ottubru 2006. Qabel ma gie hekk appuntat, huwa kien gie avvicinat minn kumpannija Svizzera bl-isem ta' ABB Process Solutions & Services S.p.A., illi kienet fethet branch gewwa Malta, sabiex jibda jahdem maghhom. Madanakollu, peress illi huwa kien gia gie avvicinat mill-Malta Ship Yards biex jinghata extension ta' sena, huwa infurmahom li kien ahjar kieku rrangaw mal-Malta Ship Yards.

Gara, infatti illi, illi r-rapprezentanti tas-socjeta ABB gew Malta u ddiskutew mieghu l-possibbilta' illi huma jqabbdu lilu bhala konsulent fil-qasam tax-xoghol illi riedu jaghmlu, ossija fil-qasam tat-'turbo charging'. Sussegwentement, iddiskutew ukoll mal-Malta Ship Yards il-possibbilta' illi jaghmlu co-operation agreement bejniethom dwar 'sales service for ABB/BBC Turbochargers'.

Tali diskussjonijiet, infatti, wasslu sabiex fit-2 ta' Ottubru 2006, gie iffirmat kuntratt bejn il-Malta Shipyards Limited u r-rikorrent ta' konsulenza ghal zmien ta' sena filwaqt illi fit-2 ta' Novembru 2006 gie iffirmat co-operation agreement bejn il-Malta Ship Yards u s-socjeta ABB. In vista ta' tali ftehim, Azzopardi stqarr illi huwa kien jithallas nofs il-paga indikata fil-kuntratt tal-Malta Ship Yards minghand l-istess Malta Ship Yards filwaqt illi n-nofs l-iehor kien jithallas mill-ABB, u dana peress illi kien tqabbad ukoll bhala konsulent ta’ l-istess ABB.

Jirrizulta illi fid-19 ta' Lulju 2007, l-intimat, fil-kapacita tieghu ta' Segretarju tax-Shipyards (Metal) Section fi hdan il-GWU, kiteb lic-Chief Executive Officer tal-Malta Ship Yards, ossija Chris Bell, fejn wera t-thassib tieghu dwar possibbilta' ta' kunflitt ta' interess illi seta kellu r-rikorrent ma’ l-istess Malta Ship Yards u talab spjegazzjoni. Risposta ma inghatax u ghalhekk fit-8 ta' Awissu 2007 reggha kiteb ghal spjegazzjoni. Dina ma inghatatx u ghalhekk fl-14 ta' Awissu inharget ittra ufficjali minghand l-istess Taqsima fejn, filwaqt illi gie spjegat li bejn id-9 u it-12 ta' Lulju 2007, kienu saru interviews mill-ABB Branch Malta illi ghalihom attenda wkoll ir-rikorrent bhala interviewer, it-Taqsima wriet it-thassib taghha ghal fatt illi kienu qed jigi 'poached' haddiema tal-Malta Ship Yards kif ukoll kien hemm kaz car ta' kunflitt ta' interess. Eventwalment, fl-20 ta' Lulju 2007, Chris Bell gharraf lill-Union illi kienet ser issir inkjesta sabiex jigu vverifikati l-allegazzjonijiet.

Sussegwentement, l-intimat ghadda biex jippubblika l-avviz meritu tal-kaz odjern, liema avviz gie imdendel fid-diversi notice boards tal-Malta Ship Yards, fejn gab a

korrent tal-membri kollha tal-Union il-fatti kollha illi kienu jafu dwarhom u kienu qed juru t-thassib serju taghhom dwar l-inkjesta illi kellha ssir u dwar l-indipendenza taghha peress illi kienet ffurmata minn persuni involuti mal-Malta Ship Yard. Huwa sahaq illi jidher li kien qed isir 'poaching' ta' haddiema specjalizzati kif ukoll kien qieghed ibaxxi quotations ta’ l-istess Tarzna drastikament.

Azzopardi gie mgharraf bil-kontenut ta’ l-avviz u hassu malafamat b'dak li kien hemm miktub. Huwa, madanakollu, ma kkonfrontax lil Bugeja, izda ghadda biex ghamel il-kawza ta' libell odjerna.

Daniele Patuelli, rapprezentant tas-socjeta ABB, stqarr illi s-socjeta ABB riedet tkabbar ix-xoghol taghha izda ma riedetx taqta' r-relazzjoni illi kellha mal-Malta Ship Yards. Ghalhekk saru diskussjonijiet mal-Malta Ship Yards illi wasslu biex l-istess Malta Ship Yards taghti l-ghajnuna lill-ABB ghal ftuh ta’ l-ufficju taghha f'Malta u ghan-negozju illi kienet ser tiggenera u il-Malta Ship Yards kienet ser tibghat lir-rikorrent sabiex jghinnha. Huwa ikkonferma illi, ghalkemm mhux miktub, il-ftehim kien li ABB thallas nofs il-paga tar-rikorrent.

Dwar ir-reklugatt ta' nies mal-kumpannija ABB Branch Malta, Patuelli stqarr illi huwa kien responsabbli ghall ingaggjar u ghalhekk hareg avviz fuq il-gazzetti ghal min kien interessat u, wara illi ra l-applikazzjonijiet, huwa ftiehem mar-rikorrent sabiex jiltaqghu mal-applikanti. Ghal interview, kemm is-Sur Patuelli u r-rikorrent kienu prezenti, izda l-interview kien qed issir minn Patuelli, bl-involviment tar-rikorrent limitata biss f'kaz illi kien hemm xi problemi fil-lingwa. Huwa stqarr, finalment, illi hadd mill-applikanti ma gew maghzula, u finalment, gie maghzul persuna illi giet minn barra.

John Cassar White, minn naha tieghu, stqarr illi huwa kien Chairman tal-Malta Ship Yards u kien jaf illi r-rikorrent kien fis-Senior Management tat-Tarzna, u dana kien jghin fil-qasam tekniku. Huwa stqarr illi ma kienx jaf l-involviment tar-rikorrent mal-Malta Ship Yards, izda stqarr illi huwa kien sar jaf dwar xi allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-

konfront tar-rikorrent u ghalhekk talab lil Chris Bell, li kien ic-Chief Executive Officer, sabiex jaghmel investigazzjoni, ir-rizultat ta' liema investigazzjoni wriet illi l-allegazzjonjiet maghmulha ma kienux veri. Huwa stqarr illi, skond ma qallu Bell, ma kienx minnu illi r-rikorrent kien attenda ghall-interviews ta' haddiema tal-Malta Ship Yards, filwaqt illi sahaq ukoll illi ma setax ikun li r-rikorrent kien qieghed ibiddel xi quotations ta' xoghol, peress illi dak ma kienx id-dipartiment tieghu.

Chris Bell, da parte tieghu, stqarr illi hua kien Chief Executive Officer tal-Malta Ship Yards u meta beda, r-rikorrent kien 'Head of Engineering and Infrastructure' fi hdan l-istess MAlta Ship Yards. Huwa stqarr illi kien sar jaf bl-allegazzjonijiet imwahhlin fuq in-notice board u ghalhekk kien ordna inkjesta. Huwa qal illi kien kellem lir-rikorrent fuq l-allegazzjonijiet u dana assikurah illi huwa ma kienx involut fl-interviews ta' haddiema tal-Malta Ship Yards. Huwa qal ukoll illi dwar l-allegazzjonijiet ta' quotations mibdula, kien minnu illi r-rikorrent jigi kkonsultat meta tigi redatta l-quotation, izda, finalment, id-decizjoni finali dwar il-quotation tibqa mal-Commercial Sales Department ta' l-istess Tarzna. Finalment, Bell ikkonferma illi ma jiftakarx li l-allegazzjonijiet tal-Union gew michuda ufficjalment bil-miktub mill-Malta Ship Yards, izda zied jghid li l-investigazzjoni wriet illi dak minnhom allegat ma kienx minnu.

Ir-rikorrent, dwar l-interviews imsemmija mil-intimat, stqarr illi dawna kienu qed isiru direttament minn Patuelli, u dana fl-ufficju illi r-rikorrent kellu ma' l-istess Patuelli, u ghalkemm huwa ma mexxiex l-interview, huwa kien fuq l-iskrivanija tieghu illi hija fl-istess ufficju ta' fejn saru l-interviews, liema ufficini gew deskritti bhala mhux kbar. Huwa stqarr illi saru erbgha interviews ta' haddiema tal-Malta Ship Yard, u ghal tlieta minnhom huwa kien prezenti fil-kamra izda ma kienx qed jaghmel l-interview. Kien ghall-ahhar interview, jigifieri dak ta' Frans Micallef, illi r-rikorrent, wara illi sar l-interview lil Micallef, fuq talba ta' Patuelli, dawwar lill-istess Micallef mas-sit kollu tal-fabbrika u wrieh fejn kienu ser jahdmu.

Ix-xhieda pprezentata minn Azzopardi tikkontrasta dik pprezentata minn Bugeja peress illi, skond Bugeja, illi kien qed jopera fil-kariga tieghu ta' Segretarju tat-Taqsima Metall u Kostruzzjoni tal-General Workers' Union, huwa hareg l-avviz fil-pubbliku wara illi l-Malta Ship Yards naqqset milli tirrispondi ghal dak illi l-Union kienet qed toggezjona dwar Azzopardi. Huwa sahaq illi kellu provi li juru li attwalment Azzopardi kien qieghed jattendi ghall-interviews, u infatt esebixxa traskrizzjoni u recording ta' interview illi sar lil wiehed mill-haddiema tal-Malta Ship Yard, f'liema interview jidher illi s-Sur Azzopardi kien prezenti u kien qieghed jinvolvi ruhu fl-interview ukoll. Tali interview kienet qed issir lil Frans Micallef.

Frans Micallef, minn naha tieghu, ikkonferma illi huwa kien attenda ghal interview ma ABB Branch Malta fejn kien hemm prezenti kemm r-rapprezentant tas-socjeta Taljana, jigifieri Patuelli, u r-rikorrent Azzopardi, u l-istess Azzopardi kien deher illi qed jirrapprezenta lil ABB. Huwa kkonferma illi kien sab diffikulta jsib fejn kien il-post tas-socjeta ABB Branch Malta u ghalhekk huwa cempel lil Azzopardi li taht id-direzzjonijiet ghal fejn kienu l-ufficini taghhom. Dwar l-interview, Micallef stqarr illi ma tantx ghamlulu domandi, peress illi Azzopardi kien gia jaf il-kapacitajiet tieghu stante li kien ilu t-Tarzna ghal disgha u ghoxrin sena. Madanakollu, Azzopardi staqsa lil Micallef dwar x'salarju kien qieghed jitlob huwa. Micallef ikkonferma illi Azzopardi imbaghad dawwru mal-kumpless biex jurih x'kien hemm.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif jirrizutla mill-provi prodotti, r-rikorrent kien konsulent kemm tal-Malta Ship Yards kif ukoll tal-ABB, liema zewgt kumpanniji kienu lahqu ftehim ta' ko-opreazzjoni fejn is-socjeta Malta Ship Yards kienet ser toffri s-servizzi taghha biex tghid lill-kumpannija ABB Branch MAlta tistabilixxi lilha nnifisha lokalment. Jirrizulta ukoll illi x-xoghol illi kienet bi hsiebha taghmel is-socjeta ABB Branch Malta kien gia xoghol illi kienet qieghda taghmlu il-Malta Ship Yards, li kien jirrigwarda servicing ta 'Turbo Chargers', u

ghalhekk setghet kienet in kompetizzjoni mas-socjeta Malta Ship Yards illi, dak iz-zmien, kienet ghaddejja minn ristratturazzjoni li eventwalment wasslet ghall-eghluq taghha fis-snin ta' wara.

Illi jirrizulta li l-ilmenti illi kien qed iressaq l-intimat, fil-kwalita tieghu ta' Segretarju tat-Taqsima Metall u Kostruzzjoni tal-General Workers' Union, fil-konfront tar-rikorrent kienu ta' zewgt tipi: wahda minnhom kienet illi Azzopardi kien qieghed jattendi ghall interviews biex jigu reklutati haddiema ma' kumpannija illi kienet in kompetizzjoni mal-Malta Ship Yards. L-ohra kienet tirrigwarda allegazzjoni illi Azzopardi kien biddel quotation tat-tarzna u naqqasha drastikament minghajr ebda dokumentazzjoni.

L-intimat ddefenda ruhu minn tali libel permezz ta' zewg eccezzjonijiet - l-ewwel wahda gia giet deciza u ghalhekk fadal it-tieni difiza. Din kienet tikkontempla illi dak li intqal huwa bbazat fuq fatti u ghalhekk jitqies bhala 'fair comment'.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li, ghalkemm Azzopardi assikura lill Christopher Bell, bhala Chief Executive Officer tal-Malta Ship Yards, illi huwa ma kienx presenti ghall-interviews ta' haddiema tal-Malta Ship Yards mas-socjeta illi taghha kien anke konsulent, jigifieri Malta Ship Yards, dana ma kienx minnu. Di fatti, ix-xhud ta' Azzopardi stess, jigifieri Patuelli, stqarr illi, meta dahhlu l-applications ghall interviews, huwa ftiehem ma' Azzopardi ghad-dati meta dawna jsiru u dana ikkonferma wkoll li Azzopardi kien prezenti ghall- interviews kollha, anke minhabba fi problemi ta' lingwa. Apparti minn hekk, Frans Micallef, xhud tal-intimat, kkonferma illi Azzopardi kien prezenti tul l-interview kollu tieghu, u dana wara illi kien ikkomunika direttament ma' Azzopardi sabiex isib il-post. Dana huwa anke kkorroborat mir-recording illi Micallef kien ghamel dakinhar. Ghalkemm il-Qorti ma tikkundannax tali tip ta' azzjoni da' parte ta' Micallef, peress illi tqis illi r-recording

ta' laqgha bil-mohbi hija haga meskina, jirrizulta minn tali recording illi attwalment Azzopardi kien involut fid-diskussjonijiet u sahansitra ghad idawwar lill-Micallef mal-post kollu.

Illi, huwa minnu illi attwalment hadd mill-impjegati tal-Malta Ship Yards ma attwalment gew maghzula mis-socjeta ABB Branch Limited, izda certament jidher li, ghalkemm Azzopardi assikura illi huwa kien qed izomm barra mill-interviews, dana ma kien minnu xejn, u ghalhekk l-intimat kellu ragun illi jaghmel id-domandi tieghu dwar l-involviment ta' Azzopardi fi hdan il-Malta Ship Yards.

il-Qorti ukoll ma tistax ma tinnutax illi l-intimat ripetutament talab informazzjoni dwar tali involviment lill-Malta Ship Yards Limited, izda dina ta' l-ahhar dejjem baqghet ma tirrispondi xejn u tinjora lill-Union u kien ghalhekk illi l-intimat adopera l-mezzi a disposizzjoni tieghu, ossija in-notice boards tal-Union gewwa il-Malta Ship Yards, sabiex jghaddi l-messagg tieghu ta' inkwiet. Il-Qorti hija konvinta illi kieku l-Malta Ship Yards hadet ir-riedni f'idejha u rrispondiet ghall-allegazzjonijiet mal-ewwel certament r-rikorrent ma kienx ikun espost ghall-allegat malafama kif attwalment sar, naturalment sakemm dak illi kien qieghed jigi allegat ma kienx vera. Jirrizulta, izda, illi dwar l-presenza tar-rikorrent fl-interviews, l-intimat kellu ragun juri t-thassib tieghu.

Stqarrija ohra illi ghamel l-intimat li fil-konfront tar-rikorrent li r-rikorrent sahaq li kkawzat malafama kienet il-fatt li gie allegat li huwa baxxa quotation drastikament minghajr ebda dokumentazzjoni. Azzopardi stqarr illi huwa ma kienx ikun involut fil-quotations. Madanakollu, darba minnhom, l-istess Azzopardi jiftakar illi kien gie avvicinat u mistoqsi dwar quotation illi kienet qed tigi mhejja u, mistoqsi jekk kienetx gholja jew le, huwa stqarr illi kienet tidher ghalja hafna u ssugerixxa prezz ta' Lm100. Madanakollu, huwa ma hassx illi tali suggeriment setghet titqies bhala indhil fil-hrug tal-quotation.

Jinghad izda, illi Bell, fix-xhieda tieghu, stqarr li certament Azzopardi kien ikun konsultat fil-hrug tal-quotations da' parte tat-Tarzna, ghalkemm finalment id-decizjoni finali kienet tkun tad-Dipartiment tas-Sales. Appart dan, jigi rilevat ukoll illi Azzopardi, bhala Head ta’ l-Engineering and Infrastucture Department fi hdan it-Tarzna, u ghalhekk bhala wiehed mis-Senior Management ta’ l-istess Tarzan, certament kellu influenza konsiderevoli fix-xoghol li kien isir, u ghalhekk kwalsiasi opinjoni illi huwa seta ta, anke jekk biss bhala opinjoni, certament kienet tinghata il-piz taghha mid-dipendenti l-ohra.

Ghalhekk, ghalkemm l-intimat naqas milli jissostanzja bil-fatti l-allegazzjoni tieghu illi Azzopardi kien naqqas drastikament quotation tat-Tarzna, mx-xhieda ta' Azzopardi stess kif ukoll ta' Bell, il-Qorti hija konvinta li r-rikorrent seta, b'xi mod, influenza il-hrug ta' quotation da' parte tat-Tarzna - jekk tali tnaqqis kienx drastiku jew le, wiehed ma jistax jghid, illi certament jidher illi kien hemm tnaqqis. Ghalhekk, il-Qorti tqis illi l-kumment maghmul mill-intimat kien wiehed illi jaqa' fl-ambitu ta' kritika accettabbli mill-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fost il-principji illum stabbiliti, l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn

*“il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall- liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi”*

(“Vincent Borg vs Victor Camilleri et.” - A.C. 15 - 11 - 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Huwa ghalhekk importanti illi li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` ta’ l-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipproteggi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli. Di fatti, kulhadd

huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti l-gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l- fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Fis-sentenza "Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja" (P.A. 19 - 1 -1996.) intqal li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio ... ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti".*

Huwa f'dan il-kuntest illi jinghad li d-differenza bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "comment" hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. Kif intqal mill-Qorti,

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" (Reginald Miller vs Harold Scory -XXXVI.IV.843.).*

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-fair comment, jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' ("Anglu Camilleri vs Anthony Zammit" Vol.XI.IV.1195; "Dr Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit" JSP. 929/90/JSP. 3 ta' Ottubru 1991).

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti mill-partijiet, jirrizulta illi l-ilmenti mressqa mill-intimat, l-ewwel lill-Malta Ship Yards tramite komunikazzjoni maghhom, imbaghad lill-membri tal-Union tramite Avviz mqieghed fuq in-notice boards kien wiehed gust, stante illi rrizulta li r-rikorrent kien qieghed jattendi

ghall-interviews ta' haddiema tal-Malta Ship Yards ma' ditta ohra illi huwa kien konsulent maghha, ossija ABB Branch Malta, kif ukoll irrizulta li r-rikorrent kien ikkonsultat regolarment dwar quotations li jinhargu u, huwa stess ftakar illi darba minnhom, kien naqqas quotation minnhom.

Illi ghalhekk, jirrizulta illi l-kumment ta' l-intimat Bugeja kien wiehed gustifikat.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti;

Wara illi rat l-Avviz ippubblikat mill-intimat fuq in-notice boards tal-Malta Ship Yards;

Wara illi qieset il-fatti kollha tal-kaz;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi;

Tilqa t-tieni eccezzjoni ta' l-intimati u tiddikjara illi l-avviz meritu tal-kaz odjern ma kienx malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, u ghalhekk;

Tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------